# Intervista mal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi

Mark Mercieca



■ Il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi twieled nhar l-24 ta' Jannar, 1943. Alfred hu bin Wistin Camilleri Cauchi u Francesca neè Càuchi. Ta' min wieħed jirrimarka, li Wistin kien l-aljiev ta' Karlu Darmanin. Alfred Camilleri Cauchi tgħallem is-sena tal-kartapesta mingħand missieru Wistin. Camilleri Cauchi kompla jitħarreġ f'din is-sena fl-iskola ta' l-Arti f'Malta. Ta' erbatax-il sena kien l-ewwel Malti li ħa l-istudju tiegħu f'Edinburgh College of Arts, wara li kien mogħti "scholarship" minn Lady Laycock; il-mara tal-gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien. Fost l-għalliema tiegħu nsibu lil Professur Henry Moore u l-Professur Schilski. Insibu wkoll lil Forrest u lil Richard De Marco. Il-kors kien twil ħames snin.

Meta ġie lura, kien beda jgħin lil missieru f'diversi ornamenti tal-knejjes. Din l-għajnuna swiet ħafna lil missieru minħabba li kien imdaħħal fl-età. Alfred Camilleri Cauchi għamel użu minn.bosta materjali differenti fl-opri tiegħu, fosthom skolpixxa fl-injam, fl-irħam, fil-ġebla tal-franka u fil-kartapesta. Ta' min jgħid ukoll li hu kien l-ewwel Malti li ħadem statwi tal-"fibreglass". Insibu ħafna dekorazzjonijiet minn tiegħu fil-knejjes tagħna, fosthom fis-santwarju ta' Pintu ġewwa l-Għarb, Għawdex. Xi xogħlijiet oħra minn tiegħu jinstabu wkoll fil-knejjes ta' l-Imsida, Ħad- Dingli, Ħal Għaxaq, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, il-Qrendi u oħrajn. Insibu wkoll monumenti nazzjonali tal-bronz, bħal dawk ta' Professur Saydon, Muscat Azzopardi, Ninu Cremona, De Soldanis, Karmni Grima, Anton Tabone, Ġorġ Pisani u bustijiet f'De La Salle College. Camilleri Cauchi ġie kkummissjonat biex jaħdem fuq tliet statwi tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Statwa ta' Papa ieħor hi dik tal-Papa Piju IX fit-triq li hi msemmija għalih.

Wieħed mill-ewwel xogħlijiet tiegħu huwa sett profeti fil-Kalkara. Insibu wkoll statwi titulari bħal dik ta' Maria Reġina, fil-Marsa. Statwi oħra huma dawk li jintramaw għall-festi tagħna, bħal diversi anġli u statwi oħra li jinġarru fil-marċi. Waħda mill-ikbar statwi li għamel dan l-artist hija dik ta' l-



Ordine Accademico Internazionale

«Greci - Marino»

THE GENERAL RECTORATE

Via Duca degli Abruzzi 7 - 28040 Vinzaglio (NO) - Italia

Dear Sir,

We are pleased to inform you that the board of directors of the Academic Order, after a careful inspection of the documents received together with those in possession of the Academic Order, has decided to appoint

Prof. Chev. Alf. ALFRED CAMILLERI CAUCHI D.A.C.B.D.A. (Edin) M.A. (Hons) (Edin)

HONORARY NATIONAL ADVISER FOR MALTA

This letter is the official appointment.
The Academician may inform of the achieved title by the way he thinks suitable and he may insert this recognition in his cultural curriculum.

Yours Faithfully,

The General National Rector

*Ċertifikat li ħa dan l-aħħar ta' Surmast Onorarju ta' "Greci - Marino"*

Għerusija ta' Santa Katerina ma' Kristu, li fiha għaxar persuni. Diversi xogħlijiet ta' Camilleri Cauchi huma uħud mill-vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'bosta rħula, fosthom dawk li jinstabu fis-sett ta' vari ta' Ħal Qormi. Ħadem ukoll xi xogħlijiet għal barra minn xtutna, bħal ngħidu aħna sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira li llum jinstab ġewwa l-Awstralja f'Horsly Park, kif ukoll xi xogħlijiet f'Melbourne. Ħadem ukoll xi xogħol għall-Amerika, għall-Oslo, għall-Libja, għall-Italja, u Madonna tal-Karmnu għall-Ingilterra. Uħud mill-istatwi tiegħu huma xogħol fl-injam, bħal dik ta' Kristu Re ta' Raħal Ġdid li jinstab fil-każin tal-Banda De Paule, Kristu Rxoxt fir-Rabat, Għawdex u statwa li żżanżnet din is-sena; dik ta' Kristu fl-Ort f'San Ġorġ, Għawdex. Fl-irħula tagħna nsibu xi monumenti tal-gwerra li huma xogħol ta' dan l-artist, bħal dak li hemm f'Ħal Tarxien.



*L-Annunzjata... xogħol artistiku tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi*

Fl-età ta' 24 sena, Camilleri Cauchi ingħata t-titlu ta' Kavallier ta' l-unur ta' l-Ordine Reale della Corona Balearica ta' Spanja għall-Via Sagra li skolpa fl-irħam u li tinsab ta' Pinu, Għawdex. Riċentament, l-Ordni Akkademika Internazzjonali 'Greci - Marino' li hi bbażata fl-Italja għamlet riċerka fost skulturi Maltin u internazzjonali mingħajr ma kienu jafu, fejn flew sew il-kurrikulu artistiku tagħhom f'dik li hi teknika użata, il-kwalità u l-livell artistiku li jħaddan kull wieħed minn dawn l-artisti. Din l-akkademja tħaddan artisti ta' fama mondjali f'oqsma differenti ta' l-arti fosthom letteratura, mużika u arti viżiva. Il-bord tad-diretturi ta' din l-Ordni ddeċieda li l-iskultur u restawratur Għawdxi, il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi ħaqqu jieħu t-titlu prestiġjuż ta' Surmast Onorarju Malti fi ħdan din l-Akkademja. Għall-festa titulari tar-raħal tagħna, ħadem l-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata li tintrama fi Triq is-Sorijiet. Fl-istess triq insibu tliet appostli minn sett ta' tnax. Dawn huma: San Ġwann, San Xmun u Sant' Andrija. Minn dawn is-sett ta' tnax, din is-sena ser tiżżanżan l-istatwa ta' San Pietru. F'isem l-Għaqda, nixtieq nawgura lil dan l-artist bravu kull suċċess fil-karriera tiegħu.